# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 1 ta' Diċembru, 2015**

**Kawża Numru 55**

**Rik. Nru. 906/05JRM**

Elizabeth **SAID**

vs

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**, Valletta Fund Management Ltd., iċ-*Chairman* tal-Borża ta' Malta, HSBC Bank Malta p.l.c.; u b'degriet tad-29 ta' Jannar, 2015, issejħu fil-kawża Michael Said u Margaret Galea

**Il-Qorti:**

Din hija deċiżjoni fuq talba magħmula mill-imsejħin fil-kawża Michael Said u Margaret Galea, aħwa Said u ħut l-attriċi, b'rikors tagħhom tal-14 ta' Ottubru, 2014[1], sabiex, għar-raġunijiet hemm minnhom imfissra, jitħallew ineħħu l-kontumaċja tagħhom li seħħet wara li, għalkemm laqgħu n-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u tal-Avviż tas-Smigħ, naqsu li jressqu Tweġiba Maħlufa fiż-żmien li tagħtihom il-liġi;

[1] Paġġ. 355 – 7 tal-proċess

Rat illi għal din it-talba l-attriċi wieġbet bi Tweġiba mressqa minnha fl-20 ta' Ottubru, 2015[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra saħqet li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talba tal-imsejħin fil-kawża;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2015, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għad-deċiżjoni dwar l-episodju tal-kontumaċja tal-imsejħin fil-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan huwa każ fejn parti msejħa fil-kawża naqset li tressaq Tweġiba Maħlufa fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, wara li kienet laqgħet in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u kif ukoll tal-Avviż tas-Smigħ. Is-sejħa fil-kawża kienet saret wara li l-attriċi, madwar disa' snin wara li kienet fetħet il-kawża bil-proċediment ordinarju, talbet li ħutha jissejħu fil-kawża u liema talba din il-Qorti kienet laqgħet b'degriet mogħti minnha waqt is-smigħ tad-29 ta' Jannar, 2015. Wara li nbeda l-proċess tan-notifika tal-imsemmija msejħin fil-kawża, li waslet sal-proċedura bil-mezz tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, l-istess imsejħin dehru quddiem il-Qorti waqt is-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2015[3], u, wara mistoqsija magħmula mill-Qorti, iddikjaraw li ma kinux qabbdu avukat biex jidher għalihom u għażlu li ma jressqux Tweġiba Maħlufa minkejja li laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża. Minħabba f'hekk, iż-żewġ imsejħin fil-kawża issa qegħdin jitolbu li jitħallew iressqu l-kontestazzjoni tagħhom u jneħħu l-istat ta' kontumaċja li waqgħu fih;

Illi għal din it-talba l-attriċi laqgħet bil-qawwa u, wara li semmiet sensiela ta' ċirkostanzi, tisħaq li l-kontumaċja taż-żewġ imsejħin fil-kawża hija waħda miġjuba b'idejhom minħabba t-traskuraġni tagħhom u għalhekk mhijiex ġustifikabbli;

Illi l-Qorti tagħraf li l-effetti tal-kontumaċja fuq il-parti mħarrka jew li tkun imsejħa f'kawża jiddependu mill-atteġġament li dik l-istess parti tkun ħadet hekk kif tilqa' għandha l-atti ta' kawża li tkun tressqet kontriha. Dawn l-effetti llum il-ġurnata huma magħrufa u ġeneralment kull qorti timxi fuqhom;

[2] Paġ. 365 tal-proċess
[3] Ara verbal f'paġ. 353 tal-proċess

Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni[4], u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-ohra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu sanzjoni – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – għaliex meqjusa bħala element ta' disordni soċjali[5];

Illi fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, ma għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikata[6]. B'żieda ma' dan, ma jridx jintesa li l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja hija fiha nnifisha eċċezzjoni għar-regola li l-parti mħarrka trid twieġeb għall-azzjoni mressqa kontriha fiż-żmien li trid il-liġi u li dik l-eċċezzjoni m'għandhiex tieħu post dik ir-regola;

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja ta' tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu jiddistingwu bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-ieħor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawża u li ma laħaqx għamel dan għal raġuni li ma kienx jaħti għaliha[7];

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati[8]. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża[9]; (ċ) li jeħtieg li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala

[4] Ara App. Ċiv. : **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġerada vs Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)
[5] Ara App. Kumm.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.170**)
[6] P.A. **4.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Ellul*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.729**)
[7] P.A.: **9.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***G. Beacom vs A. Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**)
[8] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **13.7.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vivian Mizzi vs Carmelo Mizzi***
[9] Ara App. Inf.: **3.5.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.738**) u App. Inf. : **29.11.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.811**) u l-kawżi hemm imsemmija

*una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali[10];

Illi dwar x'iwassal lill-kontumaċja biex titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin *et*[11], fejn ingħad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ". F'dik l-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tenniet b'enfasi li l-liġi, fl-artikolu 187 tal-Kap 12, tqiegħed dmir fuq iċ-ċittadini kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha li jaraw u jassikuraw li dawk il-persuni kollha li jgħixu magħhom fid-dar fejn joqogħdu jikkonsenjawlhom l-ittri li jirċievu jew imqar li jgħarrfuhom bil-wasla tagħhom. Dwar dan jidher li l-Qorti tal-Appell dehrilha li kien wasal il-waqt li ttenni din il-linja ta' ħsieb fil-qies dwar jekk persuna hijiex kontumaċi bi ħtija jew le[12];

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża safejn rilevanti għal dan l-episodju, joħroġ li l-kawża ilha li nfetħet minn Settembru tal-2005 mill-attriċi kontra bosta istituzzjonijiet bankarji jew finanzjarji f'Malta dwar il-likwidazzjoni tal-wirt ta' ommha. L-imsejjaħ fil-kawża kien ittella' jixhed fuq talba tal-attriċi oħtu b'taħrika fit-13 ta' Mejju, 2008[13];

Illi din il-kawża hija karatteriżżata minn sensiela ta' bidliet ta' avukati li jidhru għall-attriċi, bosta minnhom mogħtijin lilha bħala avukati tal-Għajnuna Legali taħt l-artikolu 89(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. It-talba għas-sejħa fil-kawża min-naħa tal-attriċi saret mill-avukat difensur l-aħħar maħtur, b'rikors imressaq minnha f'Ottubru tal-2014;

Illi wara li l-Qorti laqgħet it-talba (li l-ebda waħda mill-partijiet imħarrkin ma opponiet għaliha[14]) ordnat li l-attriċi tieħu ħsieb li tinnotifika liż-żewġ

[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv.: **12.12.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (mhix pubblikata); u P.A.: **27.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Naudi Montaldo noe vs Xuereb*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1214**)
[11] Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.28**
[12] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd.***
[13] Paġġ. 255 sa 265 tal-proċess
[14] Għall-kuntrarju, wieħed mill-Banek imħarrka – Bank of Valletta p.l.c. – kien saħansitra eċċepixxa n-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu (ara paġ. 35 tal-proċess)

imsejħin fil-kawża. Minħabba li n-notifika ma saritx minkejja aktar minn tentattiv wieħed, fit-30 ta' April, 2015, din il-Qorti ordnat li n-notifika ssir bil-meżż tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skond l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi n-notifika bl-affissjoni saret fl-indirizz ta' kul wieħed u waħda mill-imsejħin fil-kawża fil-11 ta' Mejju, 2015 u fit-13 ta' Mejju, 2015[15], rispettivament. L-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern deher fil-ħarġa tad-29 ta' Mejju, 2015[16];

Illi fit-30 ta' Ġunju, 2015, l-imsejħin fil-kawża dehru quddiem il-Qorti meta sejħet il-kawża. Fuq mistoqsija li għamlitilhom il-Qorti, qalu li ma kinux qabbdu avukat u ma kinux ressqu Tweġiba Maħlufa sa dakinhar;

Illi l-imsejħin fil-kawża ressqu r-rikors tagħhom fl-14 ta' Ottubru, 2015, jiġifieri ħames (5) xhur wara li laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża;

Illi l-imsejħin fil-kawża jsemmu aktar minn raġuni waħda biex juru li l-kontumaċja tagħhom ma hix waħda kolpuża. Fl-ewwel lok, huma jgħidu li l-atti li laqgħu ħasbuhom taħrika biex jitilgħu jixhdu, kemm hu hekk, l-imsejjaħ fil-kawża jsemmi li, xi snin ilu, kien diġa' ta x-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti f'din l-istess kawża, u ħasbu li dawk il-karti li laqgħu kienu sejħa mill-ġdid biex jagħtu x-xhieda tagħhom. Fit-tieni lok, l-imsejħa fil-kawża ssemmi kundizzjonijiet mediċi jew ta' saħħitha bħala raġuni għaliex ma kienx moħħha f'li tfittex tkellem avukat. L-imsejjaħ fil-kawża wkoll isemmi "għadd ta' kundizzjonijiet mediċi" bla ma jgħid x'inhuma jew, imqar, bħalma għamlet oħtu, li jressaq ċertifikati mediċi li jsemmu x'inhuma. Fit-tielet lok, jilmintaw mill-fatt li meta l-marixxall wettaq l-affissjoni, naqas li jwissihom biex imorru jkellmu avukat. Fir-raba' lok, isemmu li l-attriċi kelmithom biex tgħidilhom jitilgħu għall-kawża (li huma jistqarru li kienu jafu biha) u minħabba f'hekk tfixklu u ma setgħux jobsru li issa kienu saru partijiet fil-kawża madwar għaxar snin wara li kienet infetħet;

Illi l-Qorti tqis li għalkemm l-imsejħin fil-kawża ġabu 'l quddiem bosta raġunijiet għall-qagħda li llum jinsabu fiha f'din il-kawża, ma jistax jingħad li ngħatatilha xi raġuni tajba biex issib li dak l-istat ta' kontumaċja huwa tabilħaqq wieħed ġustifikabbli. Il-Qorti tibda biex tgħid li, minkejja t-tifsir li l-istess imsejħin jittantaw iressqu għal x'fehmu li kien posthom fil-kawża bħala xiehda, minn dan kollu ma wrew xejn meta, fuq mistoqsija ċara li hija stess għamlitilhom u fi kliem li jifhmu, kienu wrewha li ma

[15] Paġ. 346 *tergo* tal-proċess
[16] Paġ. 347 tal-proċess

kinux qabbdu avukat biex jidher għalihom (ħaġa li ma kenitx tkun ammissibbli li kieku kienu ssejħu biss bħala xhieda) u lanqas ressqu t-Tweġiba maħlufa sa dakinhar;

Illi, fuq kollox, il-mod kif ma ngħatax każ tal-avviż ċar li jkun hemm fuq il-parti ta' fuqnett tar-Rikors Maħluf ma jirrifletti xejn tajjeb fuq l-atteġġament tal-imsejħin fil-kawża. Il-Qorti tqis li, jekk wieħed jaqra sewwa x'ikun hemm f'Avviż bħal dak (u dan jissemma f'żewġt ilsna, kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż) wieħed ma jistax ma jaqrax li jintuża l-kliem "mal-preżentata tar-risposta tiegħek fiż-żmien stipulat mil-liġi". Dan l-avviż jgħodd għal kulħadd u f'kull każ fejn kawża titressaq bil-proċedura ordinarja. Minbarra dan, ma setgħux ma jintebħux ukoll li fir-ras ta' dak l-att ġudizzjarju kien hemm l-avviż li jwissihom li kellhom għoxrin (20) jum minn dakinhar tan-notifika biex iressqu l-kontestazzjoni għall-azzjoni li bdew kontrihom l-atturi. Bniedem li ma huwiex midħla tal-atti ġudizzjarji jkun għaqli jekk ifittex isib avukat ħalli jmexxih; bniedem li huwa midħla ta' atti tal-Qorti u lanqas isemmi xejn lill-avukat tiegħu, ikun qed jixhed sura għolja ta' traskuraġni li ma jistħoqqilhiex l-ebda mogħdrija;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet mediċi u l-problemi l-oħrajn imsemmija mill-imsejħa fil-kawża, il-Qorti tqis li dawn ma jikkwalifikawx bħala raġunijiet li jiġġustifikaw li n-notifika tal-atti ta' kawża ma tingħatax il-prijorita' li jixirqilha meta mqabbla mal-imsemmija pressjonijiet u problemi. Huwa minnu li qagħda medika li tqarreb lejn stat ta' mard fiżiku jew mentali, taf tkun raġuni tajba biex il-kontumaċja titqies ġustifikabbli[17], imma min-naħa l-oħra, jkun irid jintwera li tali qagħda kienet iġġib lill-persuna konċernata f'impossibilita' li tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-waqt xieraq tagħhom. F'dan il-każ, l-imsejħa fil-kawża ma sabet l-ebda tfixkil biex xahar u nofs wara li laqgħet in-notifika, tidher minn rajha quddiem il-Qorti u tiddikjara li ma kenitx qabbdet avukat u li ma kenitx ikkontestat il-kawża, bla ma fl-ebda waqt ma fissret lill-Qorti l-qagħda medika tagħha. Ta' min jirrileva li ċ-ċertifikat mediku maħruġ dwar il-qagħda fiżika tal-imsejħa fil-kawża jġib id-data ta' dakinhar li tressaq ir-rikors għat-tisfija tal-kontumaċja, u lanqas biss huwa maħluf;

Illi b'żieda ma' dak li ssemma aktar qabel, il-Qorti tgħid li l-ħarsien u t-tħaddim kif jixraq tar-regoli tal-proċedura f'kawża ma jistgħux ikunu, minnhom infushom, raġuni ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq, għaliex huwa mistenni li jgħoddu għal kulħadd l-istess u jfissru kif il-proċediment ta' kawża jitmexxa b'ordni u b'mod sistematiku. Minbarra dan, ladarba l-

[17] P.A. RCP **31.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Edwin Calleja pro et noe vs Joseph Said*** (mhix pubblikata)

kontumaċja titqies bħala kontestazzjoni u bħala tħollija fid-dehen u l-ħaqq tal-Qorti, qajla jista' jingħad li l-istess istitut huwa maħsub biex jgħin lil xi parti milli tieħu vantaġġ fuq xi parti oħra fil-kawża: jekk xejn, f'bosta każijiet, l-istat ta' kontumaċja ta' xi waħda mill-partijiet imħarrkin aktar jitfa' piż fuq il-Qorti biex tgħarbel sewwa u b'reqqa dak li l-parti attriċi tkun ressqet quddiemha. Minbarra dan, il-liġi tal-proċedura nnifisha tagħti rimedji biex il-parti li tkun waqgħet kontumaċi xorta waħda tista' tressaq is-sottomissjonijiet tagħha fil-waqt xieraq;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li taqbel mal-argumenti tal-attriċi u sejra tiċħad it-talba ta' l-imsejħin fil-kawża aħwa Said biex jitħallew isaffu l-kontumaċja tagħhom u dan għaliex ma ġabux raġunijiet tajba li juru li dak li ġara kien lil hinn mis-setgħa u l-kontroll tagħhom u li jwasslu lil din il-Qorti tilqa' t-talba tagħhom biex tneħħi l-istat ta' kontumaċja li waqgħu fiha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** magħmula mill-imsejħin fil-kawża Michael Said u Margaret Galea bir-rikors tagħhom tal-14 ta' Ottubru, 2015, biex jitħallew jikkontestaw il-kawża u jneħħu l-kontumaċja tagħhom; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla, b'riżerva lill-istess imsejħin fil-kawża li jressqu dawk is-sottomissjonijiet li l-liġi tippermettilhom jagħmlu fil-waqt xieraq tal-kawża u mingħajr ħsara għal kull rimedju ieħor mogħti lilhom mil-liġi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**1 ta' Diċembru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**1 ta' Diċembru, 2015**